GUDJA

Minuti ta' l-ewwel parti tal-ħames laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum il-Ġimgħa 30 t'Ottubru 2009.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 04/6 (30/09/2009)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate

5. Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf
   a. GreenPak - Separazzjoni ta' l-iSkart (16/10/2009)

6. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 09/10

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.10p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 04/6 (30/09/2009)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tat-30 ta' Settembru 2009, li ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

Id-data tidher fuq dawn il-minuti għandha tkun dik ta' l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009 u mhux dik ta' l-Erbgħa 30 t'Ottubru 2009 kif dehret bi żball fuq dawn il-minuti li ġew ċirkulati qabel il-laqgħa.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xogħol fuq għotin xierqa fuq il-bokkok tax-xelters ġewwa l-Gudja. Is-Sindku fakkar illi hija x-xewqa tal-Kunsill illi dawn ix-xelters ikunu jistgħu jiffurmaw parti mill-pakkett fil-proġett – Gudja post turistiku.

Is-Sindku qal ukoll illi minħabba problemi li fihom dawn ix-xelters u peress li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed sabiex jirranġa dawn ix-xelters għal wiri jkun għaqli illi l-għotjin ta' dawn ix-xelters ikunu tali illi wieħed jista' iħares ftit mill-bokka u dan peress li jkun issiġillat ma joħloqx inkonvenjent kemm li min juża l-bankina kif ukoll meta xelter ikun quddiem il-bieb ta' xi dar.

Is-Sindku qal li sar jaf li l-unika furnitur li jagħmel dan ix-xogħol kemxejn speċjalizzat hija d-ditta J. Lautier li għanda l-fabbrika ġewwa tal-Handaq u għalhekk kien sejjer jaghmel meeting ma wieħed mid-diriġenti ta' din id-ditta fuq il-postijiet ġewwa l-Gudja sabiex jiġi mistħarreġ l-aħjar mezz possibli li jsiru dawn l-għotjin u jikseb quotation ta' l-ispiża sabiex din tiġi quddiem il-Kunsill fejn tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar dan fl-aħjar interess tal-Kunsill u bil-ħsieb li l-partimonju tal-Gudja jiġi konservat sewwa.

2.1.2 Xogħol fuq parti mit-triq l-Għelejjel Gudja. Is-Sindku qal illi hemm ħafna ilmenti dwar din it-triq u għalhekk il-Kunsill ħass li għandu jara l-aħjar mezz li din tiġi ranġata qabel ma jinqala xi inċident serju.

Is-Sindku qal li x-xogħol meħtieġ huwa dak ta' major patching u xogħol ieħor fuq il-bankina fuq naħa waħda tat-triq.

Saret diskussjoni dwar l-aħjar mezz li għandha tiġi rranġata din it-triq u dwar il-ħtieġa li l-offerti u kwotazzjonijiet jiġu ppubblikati f'gazzetta ta' kuljum indikata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti dan ix-xogħol fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

2.1.3 Parti mit-triq Vjal it-Torri li għadha mħarbta. Is-Sindku qal li hemm ħafna lmenti mir-residenti u għalhekk wasal iż-żmien illi l-Kunsill jieħu xi forma t'azzjoni u jonqos l-inkonvenjent. Saret diskussjoni jekk għandux jingħata wiċċ konkos bħala rimedju temporanju.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lil ADT sabiex il-Kunsill jikseb informazzjoni dwar kif din it-triq hija programmata fil-programm ta' toroq ta' l-ADT.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandha issir pressjoni li jitkompla x-xogħol sabiex titwassal ir-ring road li hija ukoll meħtieġa sabiex tiġi salvata l-qalba tar-raħal tal-Gudja.

2.1.4 Eżerċizzju ta' traffic management fl-inħawi ta' Dawret il-Gudja ma Triq Ħal Għaxaq u nħawi oħra. Is-Sindku qal li hija ferm meħtieġ li ninsisstu fuq l-ADT u mal-Perit David Vassallo sabiex issir traffic management Exercise li jkopri dawn l-inħawi għaliex qed isiru inċidenti tat-traffic spissi u serji

peress li t-traffiku qed ikun imfixkel u ma hemmx viżjoni sewwa tat-triq għas-sewwieqa li tant qed jagħmlu użu minn dawn it-toroq.

2.1.5 Sinjal ta' parking ta' mutur fi Triq il-Palma Gudja. Is-Sindku qal illi kien diġa maqbul illi jsir dan is-sinjal li huwa meħtieġ għax fil-preżent qed ikun hemm inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li jitqabbad il-Koptasin sabiex jagħmel dan iżda mingħjar ma tintilef parking bay.

2.1.6 Major patching fi Triq San Pawl u Triq Ħal Resqun. Is-Sindku qal illi jidher li x-xogħol ġewwa l-inħawi tal-Mitħna ma jistax issir għalissa għaliex l-anqas hemm risposta definittiva mill-Ombudsman dwar l-imġieba tal-Water Service Corporation. Is-Sidnku qal li fiċ-ċiskutanzi għandu jintalab l-permess tad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jekk meħtieġ il-Kunsill jikseb l-awtorizazzjoni sabiex għalissa iwarrab ix-xogħol fuq tal-Mitħna u toħroġ tender għal major patching fi Triq San >>>>>>.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku u li jieħu l-azzjoni meħtieġa malli jirċievi risposta mingħand id-Direttur Dipartiment Gvern Lokali.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Lampa mal-bini tal-Kunsill titneħħa peress li din qed tikkawża ħsara fil-bini u flokha jitpoġġew żewġ lampi ta' dehra antika. Is-Sur Baldacchino qal li jidher ċar li hemm ħsara fil-bini u għandu jkun hemm rimedju xieraq u jiġi ukoll rispettat l-ambjent.

Il-Kunsill qabel li jiġi kunsultat il-kuntrattur Nexos sabiex jiġi konsiderat li din il-lampa titneħħa temporanjament u flokha ssir search light u meta ssir xi forma ta' infurzar mal-faċċata li ma tħallix li l-wires jkomplu jaqsmu u jiġbdu xi ċnagan fuq il-faċċata, din il-bozza terġa titpoġġa f'postha.

2.2.2 Palm infettat. Is-Sur Baldacchino qal illi għalkemm il-kuntrattur kien qed jagħti bexx fuq dan il-palm kull xahrejn kien hidher li fil-Ġnien R. Caruana u f'postijiet oħra fejn hemm is-siġar tal-Palm, hemm ħsara kbira li tista' tgħid li bosta minn dan il-palm huwa meqrud.

Il-Kunsill qabel li tkompli ssir pressjoni fuq in-nies tal-Parks Department sabiex jiġu fuq il-post u jaraw l-aħjar mezz li l-Kunsill jikseb rimedju għal din il-problema mingħajr aktar dewmien.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1. O. Pace.

a. Is-Sur Pace qal illi kien qed jaħdem fuq programmi ta' Youth Exchanges f'diversi manjieri fosthom fl-Ungerija kif ukoll f'Iceland. Dawn il-programmi jkunu jeħtieġu sistema ta' Youth Leadership. Il-Kunsill approva li għaż-żmien li ġej il-leadership ikun f'idejn is-Sur Osvaldo Pace, is-Sur Mark Anthony Sammut u s-Sur Joseph M. Formosa. Il-Kunsill qabel li jiġi nfurmat aktar speċjalment dwar il-finanzjament ta' dawn il-programmi kif u meta is-Sur Pace ikun jista' jagħmel dan u qabel ma l-Kunsill ikun daħal f'xi commitment finanzjarju.

Il-Kunsill qabel li issir sejħa sabiex dawk iż-żgħażagħ Gudjani li jkunu interessati fil-Youth Exchange jinfurmaw lil Kunsill dwar dan sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu kuntattjati meta l-Kunsill ikun qed jikkonsidra xi

programm dwar il-Youth Exchange jew xi programmi oħra li għandhom x'jaqsmu maż-żgħażagħ.

b. Youth Democracy Week. Is-Sur Pace qal li ha sehem f'din l-attivita billi kellem xi 15-il tifel mill-Kulleġġ San Benedittu dwar il-ħidma u x-xogħol tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Pace qal li dawn it-tfal żgħażagħ għamlu proposta dwar dar għal anzjani, bżonn ta' mini pitches u post fejn jiġu eżerċitat l-isport ta' skate board.

c. Edukazzjoni u Crafts. Is-Sur Pace qal li flimkien mal-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino kien qed jagħmel arranġamenti mas-Surmast is-Sur Noel Calljea sabiex is-Sur Charles Zammit juri u jgħin tfal mill-iskola primarja Gudja sabiex jagħmlu l-Presepu minn affarijiet sempliċi u ma jqumx flus iżda jkunu presepji li fihom tilmaħ l-arti.

d. Żjara fil-Palazz tal-President sabiex jiġi mfakkar Jum ir-Repubblika – 35 Anniversarju. Is-Sur Pace qal li qed jagħmel arranġamenti sabiex din iż-żjara tkun possibli sabiex it-tfal tal-Gudja jkunu jistgħu jifhmu u japprezzaw l-effett u importanza ta' Jum il-Repubblika. Is-Sur Pace qal li sejjer jagħti aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

e. Is-Sur Pace qal li hemm possibilta li jisr mini pitch fil-bitħa ta' l-iSkola Primarja li jkun jista' jitgawda miż-żgħażagħ wara l-ħin ta' l-iSkola.

f. F'dan l-ispirtu ta' koperazzjoni u peress li l-Kunsill Lokali Gudja iqis li l-ħidma fl-iSkola hija ukoll parti importanti ħafna li fiha t-tfal tal-Gudja jikbru f'attudni li jagħmel ġieħ lil Gudja u lil Malta, l-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din il-ħidma hija investiment li jirrendi sewwa. Għalhekk il-Kunsill qabel u approva dan l-infieq f'isem l-iSkola Primarja Gudja:-

| | |
|---|---|
| €12.00 | pagament ECO Skola |
| €100.00 | Kotba bil-lingwa ingliża |
| €220.00 | Siġar u pjanti fl-iskema ECO Skola. |

g. Orkesta Kunsill Lokali. Is-Sur Pace li kellu kuntatt mas-Sur Stefan Caruana dwar it-twaqqif ta' din l-orkesta li tkun magħmula minn vjolin, flawt, pjanist, vjolin kurunetta u kontrabaxx. Dan kollu għal spiża ta' €250.00 u jsir kunċert fil-Milied u fl-Għid. Is-Sur Pace qal li sejjer issir kunċert fid-19 ta' Diċembru 2009 ġewwa l-Parroċċa Arċimatriċi tal-Gudja u dan il-Kunċert jieħu madwar 90 minuta.

2.3.2 Anthony Dalli

a. Is-Sur Dalli informa lill-Kunsill dwar il-ħidma u x-xogħol li qed issir ġewwa kamra fl-iskola Primarja tal-Gudja li għandha isservi bħala lok diċenti li fiha l-anzjani tal-Gudja ikunu jistgħu jiltaqgħu regolarment u jiksbu diversi tipi ta' edukazzjoni fejn jitgħallmu u jiddevertu flimkien.

Il-Kunsill approva xogħlijiet kemm ta' żebgħa, bank tal-kċina bis-sink, xogħol ta' elettriku kif ukoll xogħol ieħor u attrezzaturi oħra sabiex dan il-

lok ikun jista iservi lin-nies anzjani tal-Gudja fil-proċess ta' "life long learning" u spirtu ta' ħajja aħjar u wens għal anzjani kollha tal-Gudja.

Is-Sur Dalli qal li għalkemm ħafna xogħol sar u qed issir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, għad fadal ħafna xogħol u spejjeż oħra fosthom il-fornituri ta' affarijiet bħal spejjeż ta' imwejjed u siġġijiet u attrezzaturi oħra meħtieġa.

Huwa qal li qed issib koperazzjoni tajba mill-Kap ta' l-iSkola Sur Noel Calleja. Qal ukoll illi qed jitlob għajnuna oħra miċ-Ċentru ta' ħidma dwar l-Anzjani sabiex dan il-post ikun jista' jimxi fuq linji a' Day Centre speċjalizzat li jassikura ħajja aħjar għal anzjani tal-Gudja. Is-Sur Dalli qal li qed jaħdem sabiex ikun hemm ftehim bil-miktub mal-iskola Primarja Gudja u d-diriġenti tagħha, sabiex il-Kunsill ikun jista jagħmel użu minn din il-kamra u f'inħawi u aċċessori oħra fuq l-istess bażi eżistenti dwar il-Librerija G. Zammit.

b. Anzjan tas-Sena – Programm 2009. Is-Sur Dalli nforma li l-Kunsill li s-Sur Joseph Mangion kien wieħed mill-finalisti. Is-Sur Dalli qal li s-serata finali kienet preseduta mill-għola awtoritajiet Maltin u li kull min ħa sehem għamel unur lil Belt jew raħal minn fejn kien ġej. Huwa qal li għal ġejjieni huwa kien sejjer jipprepara ferm minn qabel sabiex il-Gudja tressaq aktar persuni anzjani li l-ħidma tagħhom għandha tiġi rikonoxxuta.

c. Ħarġa 10 ta' Novembru 2009. Is-Sur Dalli qal li kollox jinstab lest għal din il-mawra għal anzjani ġewwa l-Mellieħa u filwaqt li rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill għal ko-operazzjoni stieden u wera x-xewqa tiegħu li kulħadd jattendi.

2.3.3 Mark-Anthony Sammut

a. Is-Sur Sammut qal li l-programm After Schools li fih diversi attivitajiet sportivi diversi huwa popolari u miexi sewwa. Is-Sur Sammut qal li l-Kap tal-iskola Primarja Gudja fejn qed titwettaq parti minn dan il-programm, qed jikoperat ħafna u dan qed ukoll jikkontriwixxi sewwa għas-suċċess ta' dan il-programm.

Għas-sena li ġejja hemm il-ħsieb li dan il-programm ikun mifrux fuq tlettin ġimgħa.

b. Netball għat-tfajliet. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi taħt l-iskema Sports for All huwa kien għamel l-applikazzjoni mal-Kunsill Malti għall-iSports. Huwa qal li jinforma l-Kunsill dwar dan fi stadju ieħor aktar tard, iżda jekk il-KMS ma jiffinanzjawx dan, hemm il-ħsieb li tintalab miżata lil kull parteċipant.

c. Youths on the Move – (i) Ubseiling ġewwa Għar Lapsi fl-01 ta' Novembru 2009 (ii) Beach Games ġewwa Birżebbuġia fit-08 ta' Novembru 2009. Is-Sur Sammut stieden lil Kunsilliera kollha sabiex jattendu għal dawn l-attivitajiet li qed ikunu popolari sewwa qalb iż-żgħażagħ tal-Gudja.

d. PO Bar 25 sena ta' Darts. Is-Sur Sammut qal li l-organizzaturi tal-PO Bar jixtiequ laqgħa mal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-programm t'attivitajiet li sejrin itellgħu għal din l-okkażjoni. Il-Kunsill qabel li jiltaqgħa mad-diriġenti tal-PO Bar fis-06 ta' Novembru 2009 fit-3.00p.m.

***Aġġornament:-***

Peress li kien sar il-ħin, il-Kunsill qabel li jaġġorna u jkompli bl-affarijiet oħra fuq l-Agenda għal nhar it-Tlieta 03 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku